**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 579/2016**

**Illum 26 ta' Lulju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 453585 (M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa Agius, Flat 2, Triq Il-Qawra, San Pawl il-Bahar, f'xi zminijiet bejn Jannar, 2014 u Ottubru, 2016 b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' AB liema delitt sar fuq il-persuna tal-konjugi (Art. 198, 202 (h) (i) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta' AB, liema delitt sar fuq il-persuna tal-konjugi. (Art 207, 202 (h) (i) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-AB il-biza li li ser tintuza vjolenza kontrijha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9. (Art 251B (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.)

U aktar talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-AB. (Art. 339 (1) (e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, zamm lil AB kontra l-volonta' taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal vittma AB.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Gunju, 2017 (esebita a fol. 174 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 251H(a)(b)(d) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

**Xhieda**

F'dan il-kaz il-Qorti semghet 7 xhieda:

Spettur John Spiteri *a fol.* 30 *et. Seq.*, PS914 Ivan Mifsud *a fol.* 45 *et. Seq.*, Dr. Martin Bajada *a fol.* 54 *et. Seq.*, AB *a fol.* 89 *et. Seq.*, WPC328 Lilian Attard *a fol.* 134 *et. Seq.*, AB *a fol.* 150 *et. Seq.*, Dr. Martin Bajada *a fol.* 158 *et. Seq.*.

Il-Qorti tinnota illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, AB infurmat lill-Qorti illi hija tixtieq twaqqaf l-akkuzi fil-konfront ta' Omissis.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz:*

*Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta….il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

Madanakollu, kif kaz in ezami, l-mertu ta' dawn il-proceduri juri kif is-sinistru ma sarx bi vjolenza pubblika u wisq anqas b'reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku.

Illi fid-decizjoni mhux kontesta fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Edgar Grima"[1], il-Qorti sostniet li:

**"Illi ndipendentement minn dan li ghadu kemm nghad il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ai termini tac-citat Artikolu 328 kull procediment ghab-bazi ta' dan l-Artikolu seta jittiehed biss bil-kwerela tal-parti leza stante li l-hsara la kkagunat mewt u la feriti gravi fuq terzi."**

---

[1] Deciza 26 ta' Ottubru, 2004, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Dr. A. Micallef Trigona

Hawnhekk, ghandha ssir referenza wkoll ghall-appell kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Joseph Portelli"[2], fejn il-Qorti riteniet:

**"L-appellant ghandu erba' aggravji. Dawn jistghu jigu sintetizzati hekk: (i) illi galadarba r-reat ipotizzat bir-raba' imputazzjoni huwa dak ta' hsara involontarja skond l- Artikolu 328(d) tal-Kap. 9, liema reat f'dan il-kaz kien prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza, u galadarba ma hemmx prova ta' tali kwerela, allura "ir-raba' akkuza ma tistax u ma setghet qatt timxi oltre u l-imputat kellu bil- fors jigi liberat minnha";**

Stante li l-kwerelanta rtirat ir-rapport kontra zewgha dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet, l-Qorti tillibera lill-imputat mil-ewwel, it-tieni u tielet akkuza.

Rigward ir-raba' imputazzjoni li hija wahda kontravenzjonali l-Qorti ssir lill-imputat hati u tikkundannah ammonizzjoni u twissija (R&A).

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' AB rabtet lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' l-istess AB taht penali ta' elfejn euro (€2,000) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l- artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

---

[2] Deciza 23 ta' Ottubru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem Omissis u l-kwerelanta fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan biex tkun protetta l-identita' ta' martu u uliedu.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**